MALTA

# QORTI TA' L-APPELL KRIMINALI

## S.T.O. PRIM IMHALLEF
## VINCENT DE GAETANO

Seduta tad-9 ta' Ottubru, 2007

Appell Kriminali Numru. 317/2007

**Il-Pulizija**
**(Spettur Chris Pullicino u**
**Spettur Mario Haber)**

**v.**

**Ebeid Osama**

**Il-Qorti:**

**1.** Dan hu appell, interpost minn Ebeid Osama fis-17 ta' Settembru 2007, wara decizjoni moghtija mill-Qorti Rimandanti fl-14 ta' Settembru 2007. Ebeid Osama tressaq b'arrest quddiem l-imsemmija Qorti Rimandanti fil-25 ta' Awissu 2007 in forza ta' *European Arrest Warrant* mahrug mit-Tribunal ta' Modica fit-30 ta' April 2007. Skond dan il-*warrant*, li kopja *facsimile* tieghu tinsab ezibita a fol. 13 sa 22 tal-atti, l-appellant huwa imfittex mill-awtoritajiet gudizzjarji fl-Italja (flimkien ma' persuni ohra) in konnessjoni mat-traffikar fl-Italja u f'pajjizi ohra Ewropej ta' persuni mic-Cina. B'certifikat mahrug taht il-firma tieghu

fis-17 ta’ Awissu 2007, l-Avukat Generali ccertifika li t-Tribunal ta’ Modica, li hi l-awtorita` li harget il-mandat taht it-Taqsima II ta’ l-Ordni dwar Pajjizi Barranin Appuntati dwar l-Estradizzjoni (A.L. 320/2004) kontra Ebeid Osama kellha l-funzjoni li tohrog mandati ta’ arrest fl-Italja (ara d-dokument a fol. 5).

**2.** Fit-3 ta’ Settembru 2007 il-Qorti Rimandanti cahdet talba ghas-soprassessjoni li kienet saret waqt l-udjenza tal-31 ta’ Awissu 2007, talba li, fi kliem l-istess Qorti Rimandanti, kienet imsejsa fuq il-fatt li Osama kien irrikorra quddiem it-Tribunal ta’ Riezami tal-Qorti tal-Appell ta’ Catania ghal riezami tal-mandat ta’ arrest u ghalhekk kien qed jitlob is-soprassessjoni *“…sakem ikun hemm decizjoni finali mill-Awtoritajiet Gudizzjarji Taljani dwar il-validita` o meno tal-mandata ta’ arrest Ewropew in ezami…”.* L-appellant mhux qed jappella minn dan id-digriet.

**3.** Fl-udjenza tat-3 ta’ Settembru 2007, immedjatament wara li nghata d-digriet imsemmi, l-estradant, permezz tad-difensur tieghu l-Avukat Dott. Joseph Brincat, eccepixxa *“…li d-dokumenti ezibiti, inkluza t-traduzzjoni, ma fihom ebda firma u bl-ebda mod ma jistghu jitqiesu dokumenti awtentitici ghall-finijiet kemm tal-ligi maltija kemm tal-ligi taljana.”* Gew skambjati noti ta’ osservazzjonijiet bejn il-partijiet fuq dan il-punt (ara fol. 38 u 45). Fil-5 ta’ Settembru 2007 il-Qorti Rimandanti tat digriet dwar din l-eccezzjoni – ghall-anqas hekk jirrizulta mill-verbal tal-5 ta’ Ottubru 2007 (fol. 48) ghax, stranament, ma hemmx kopja ta’ dan id-digriet fl-atti – fl-udjenza tat-28 ta’ Settembru 2007 quddiem din il-Qorti (ta’ l-Appell Kriminali) il-partijiet ma ghamlu ebda riljev jew sottomissjoni dwar dan in-nuqqas.

**4.** F’din l-istess udjenza tal-5 ta’ Settembru 2007 l-estradant rega’ qajjem punt jew eccezzjoni ohra li giet verbalizzata hekk: *“Dr Joseph Brincat jirrileva li skond l-Artikolu 5A tar-regolament hemm stipulat car li jrid ikun hemm kopja tal-mandat ta’ arrest ezegwibbli ghat-territorju tal-pajjiz rikjedenti u jigi anness ma’ l-atti kollha tal-European Arrest Warrant.”* L-ewwel qorti regghet

iddifferiet ghas-7 ta' Settembru 2007 ghal decizjoni fuq dan il-punt; u effettivament fis-7 ta' Settembru 2007 dik il-qorti rrespingiet l-imsemmija eccezzjoni (ara d-digriet a fol. 51-52). Minn din id-decizjoni l-appellant jghid, fir-rikors ta' appell tieghu tas-17 ta' Settembru 2007, li qed jappella wkoll, u dan peress illi fil-bidu nett tar-rikors ta' appell jinghad testwalment hekk:

**"Illi l-esponenti hassu aggravat mill-imsemmija decizjoni u ghalhekk qed jinterponi appell minnha kif ukoll mid-digriet tas-7 ta' Settembru 2007."**

Ghalkemm il-kaz kien gie differit ghad-decizjoni finali ghat-12 ta' Settembru 2007, f'dik l-udjenza ingieb ghall-attenzjoni tal-Qorti Rimandanti li dakinhar stess kien gie presentat rikors ghall-beneficcju tal-helsien mill-arrest tal-estradant. Dik il-qorti, ghalhekk, regghet iddifferiet ghall-14 ta' Serttembru kemm ghad-decizjoni finali dwar l-estradizzjoni kif ukoll ghal decizjoni dwar it-talba ghall-helsien mill-arrest.

**5.** Permezz tad-decizjoni taghha tal-14 ta' Settembru 2007 il-Qorti Rimandanti ddecidiet il-mertu tal-kaz hekk:

**"Ghaldaqstant il-Qorti, minhabba dak premess, tordna li l-estradant jinzamm taht kustodja u li hu jintbaghat lejn l-Italja skond il-mandat ta' arrest ewropew in ezami u dan skond l-artikolu 13(4) u 24 *ibid.* waqt li tordna li l-konsenja tieghu tigi posposta u sospiza skond l-artikolu 28A *ibid.* u dan skond l-artikolu 13(4) u 24 *ibid*.**

**"Inoltre jinghad li din l-ordni qed issir minghajr pregudizzju ghall-applikabbilita` o meno tal-principju ta' 'ne bis in idem', kif ukoll l-estradant qed jigi nformat li jista' japplika quddiem il-Qorti ta' l-Appell [Kriminali]; f'kaz li jhoss li ghandu il-htiega ta' rimedju jista' jitlob dan a bazi tal-Kostituzzjoni ta' Malta u ta' l-Att dwar il-Konvenzjoni Ewropea."**

Fl-istess gurnata – 14 ta' Settembru 2007 – inghata wkoll digriet dwar it-talba ghall-helsien mill-arrest. Dik il-qorti,

filwaqt li qalet li hi setghet tikkunsidra talba ghall-helsien mill-arrest f'dak l-istadju, hija qalet ukoll li tenut kont tal-gravita` ta' l-akkuzi li hemm pendenti kontra l-estradant quddiem il-qorti barranija, l-inaffidabilita` tieghu oltre l-kwistjoni tal-garanzija li huwa jista' jaghti ossia n-nuqqas ta' garanzija adegwata, hija kienet ser tichad it-talba ghall-helsien mill-arrest, kif effettivament ghamlet.

**6.** L-appellant ghandu effettivament tlett aggravji, kif gie anke precizat fil-verbal ta' l-udjenza tat-28 ta' Settembru 2007. (**i**) L-ewwel aggravju hu, bazikament, li fil-proceduri meritu ta' din l-estradizzjoni ma giex prodott "mandat awtentiku jew f'kopja awtentikata"; (**ii**) it-tieni aggravju hu fis-sens li l-Ordni dwar Pajjizi Barranin Appuntati dwar l-Estradizzjoni huwa *ultra vires* il-ligi principali, b'mod ghalhekk li hu gie arrestat in virtu` ta' legislazzjoni sussidjarja li hija nulla, u konsegwentement qed jallega li hu gie mizmum arrestata "mhux skond il-ligi" u allura "bi ksur tal-Artikolu 5(1)(e)[1] tal-Konvenzjoni Ewropea u tal-Artikolu 34(1)(j) tal-Kostituzzjoni" – u kontestwalment ghalhekk qajjem "kwistjoni ta' natura kostituzzjonali" u talab li ssir referenza lill-Prim Awla; (**iii**) it-tielet aggravju hu li bir-regolamenti (i.e. id-disposizzjonijiet tal-A.L. 320/2004) kif inhuma meta persuna tigi *committed to custody* biex tintbaghat lura lejn il-pajjiz rikjedent, izda jkun hemm il-posponiment tal-konsenja skond l-Artikolu 28A tal-Ordni (A.L. 320/2004), allura ma jkun hemm ebda qorti kompetenti biex tezamina l-legalita` tal-arrest tieghu f'kaz ta' dewmien fil-proceduri f'Malta, u ghalhekk ukoll talab li ssir referenza kostituzzjonali fid-dawl ta' dak li jipprovdi l-Artikolu 5(4) tal-Konvenzjoni Ewropea. It-talba finali fir rikors ta' l-appell tghid hekk:

**"Ghaldaqstant l-esponenti jitlob bir-rispett li din l-Onorabbli Qorti joghgobha, wara li fl-ewwel lok takkolji t-talbiet ghar-referenzi maghmula, tirriforma d-**

[1] Frankament din il-Qorti ma tarax x'relevanza jista' jkollu l-Artikolu 5(1)(e) invokat mill-appellant. Din id-disposizzjoni semplicement tirreferi ghal wahda minn diversi eccezzjonijiet meta persuna tista' tigi pprivata mill-liberta` taghha: "Hadd ma ghandu jigi pprivat mil-liberta` tieghu hlief fil-kazijiet li gejjin u skond il-procedura preskritta bil-ligi:…(e) id-detenzjoni skond il-ligi ta' persuni biex jigi evitat it-tixrid ta' mard infettiv, ta' persuni mhux f'sensihom, addetti ghall-alkohol jew ghad-drogi jew vagabondi." Presumibblment ir-referenza kellha tkun ghall-Artikolu 5(1)(f) band'ohra fir-rikors.

**decizjoni appellata (a) billi tirrevokaha dwar l-ordni tat-treggigh lura, ghar-ragunijiet premessi (b) tikkonfermaha dwar is-sospensjoni tal-esekuzzjoni tad-decizjoni sakemm jigu decizi l-proceduri pendenti f'Malta."**

**7.** Qabel ma titratta l-meritu, din il-Qorti hi fid-dover li tirrileva s-segwenti. It-talbiet tal-appellant huma manifestament kontradittorji. Hu qed jitlob li din il-Qorti tirrevoka l-ordni sabiex huwa jintbaghat lura l-Italja, izda fl-istess waqt qed jitlob li din il-Qorti tikkonferma l-posponiment tal-konsenja tieghu skond l-Artikolu 28A (hu jsejjahlu "sospensjoni tal-esekuzzjoni tad-decizjoni"). Issa, il-posponiment tal-konsenja jista' legalment jissussisti biss jekk ikun hemm ordni ghat-treggigh lura. Galadarba l-appellant qed jitlob li din il-Qorti tikkonferma l-posponiment tal-konsenja huwa mhix biss qed jirrikonoxxi l-validita` tar-regolamenti (ossia tal-Ordni maghmul bl-Avviz Legali msemmi) li tahthom tali sospensjoni tista' tigi ordnata, izda qieghed proprjament ukoll jissokkombi ghall-ordni ghat-treggih lura! U biex ikompli jikkomplika kollox, l-appellant, apparti li mhux qed jitlob specifikatament ir-revoka (jew riforma) ta' xi digriet precedenti ghal dak tal-14 ta' Settembru 2007 li ordna t-terggigh tieghu lura lejn l-Italja u l-posponiment tal-konsenja – it-talbiet (a) u (b) hawn aktar 'l fuq riprodotti jirreferu biss ghad-digriet (finali) tal-14 ta' Settembru 2007 – fil-bidu tar-rikors hemm, kif rajna, referenza li hu qed jappella mid-digriet tas-7 ta' Settembru 2007. Issa dan id-digriet tas-7 ta' Settembru ma kienx id-digriet li kien jitratta dwar il-kwistjoni tal-awtenticita` tal-mandat ta' arrest (l-ewwel aggravju f'dan l-appell); dan id-digriet kien jirrigwarda eccezzjoni dwar il-kontenut tal-mandat ta' arrest, kwistjoni li ma regghetx giet imqajjma fl-appell. Id-digriet li kien jitratta dwar il-kwistjoni ta' l-awtenticita` tal-mandat ta' arrest kien dak tal-5 ta' Settembru 2007. Madanakollu din il-Qorti, anke biex ma toqghodx tohloq kumplikazzjonijiet aktar milli rnexxielu johloq inutilment l-appellant, sejra tghaddi minnfih biex tezamina l-aggravji.

**8.** Issa, huwa evidenti li l-ewwel ma jrid jigi deciz huwa jekk hemmx lok ghal referenza jew referenzi

kostituzzjonali – punti li huma intimament marbuta mat-tieni u t-tielet aggravji. It-tieni aggravju ta' l-appellant huwa wiehed manifestament fieragh. Il-kwistjoni ta' jekk l-Ordni dwar Pajjizi Barranin Appuntati dwar l-Estradizzjoni hux *ultra vires* gie ezaminat *funditus* mill-Qorti Kostituzzjonali fis-sentenza taghha tal-15 ta' Mejju 2006 fil-kawza fl-ismijiet **Carmelo Borg u Geryl Serge v. Il-Ministru Responsabbli mill-Gustizzja u l-Intern et**, u dan b'mod partikolari fid-dawl ta' dak li jipprovdi s-suabrtikolu (2) tal-Artikolu 7 tal-Kap. 276. Fir-rikors ta' appell odjern ma gie indikat xejn gdid li minimament jista' jiggustifika ri-ezami ta' dak deciz f'dik is-sentenza. Konsegwentement it-tqanqil tal-kwistjoni fid-dawl tal-Artikolu 5 u 34 tal-Konvenzjoni Ewropea u tal-Kostituzzjoni rispettivament hija semplicement frivola fis-sens tas-subartikolu (3) ta' l-Artikolu 4 tal-Kap. 319 u tas-subartikolu (3) tal-Artikolu 46 tal-Kostituzzjoni. Isegwi neccessarjament ukoll li dana t-tieni aggravju huwa fih innifsu mhux biss infondat izda wkoll, kif diga' nghad, wiehed fieragh.

**9.** L-istess jinghad dwar it-tielet aggravju. Apparti li f'dan il-kaz ghandna detenzjoni jew kustodja b'ordni specifika ta' qorti, dwar il-"legalita`" tad-detenzjoni minhhabba l-possibilita` ta' dewmien fil-proceduri li qed isiru hawn Malta – u allura, in vista tal-posponiment tal-konsenja, il-possibilita` li jibqa' arrestat flok ma jkun konsenjat lura – il-Qorti Kriminali diga' kellha l-opportunita` li tesprimi ruhha dwar il-possibilita` ta' l-ghoti tal-beneficcju tal-helsien mill-arrest fid-digriet taghha tad-19 ta' Settembru 2007 fl-ismijiet **Il-Pulizija v. Emanuel Borg**. F'dak id-digriet inghad, *inter alia*, hekk:

**"Meta jkun hemm il-posponiment tal-konsenja ghal raguni imsemmija fl-Artikolu 28A, wiehed neccessarjament jassumi li dawk il-proceduri l-ohra jitmexxew <u>bl-akbar speditezza</u> proprju biex l-estradant ikun jista' effettivament jintbaghat lura lejn il-pajjiz li jkun talab l-estradizzjoni tieghu. Jekk dan ma jsirx, allura l-Qorti Rimandanti jkollha l-poter residwu – suggett ghal revizjoni minn din il-Qorti, cioe` l-Qorti Kriminali, sia jekk jinghata l-helsien mill-arrest u sia jekk ma jinghatax – li tikkonsidra talbiet ghall-helsien**

**mill-arrest; pero` dan ma tistax taghmlu kontemporaneament, jew kwazi kontemporaneament, ma' l-ordni taghha biex l-estradant jinzamm taht kustodja. Huwa veru li l-ligi ta' l-estradizzjoni tqieghed emfazi qawwija fuq il-"committal to custody" sabiex dak li jkun ikun jista' jitregga' lura; izda meta l-Qorti Rimandanti tkun ipposponiet it-treggih lura tal-estradant ossia l-konsenja tieghu fit-termini tal-Artikolu 28A tal-A.L. 320/2004 minhabba proceduri <u>penali</u> ohra li <u>l-iStat Malti ikun qed imexxi kontra l-estradant</u>, irid ikun hemm rimedju ordinarju f'kaz li dawk il-proceduri penali ma jitmexxewx kif suppost."**

U in effetti anke l-Qorti Rimandanti, fil-kaz in dizamina, ma qalitx li ma tistax tikkonsidra talba ghal-helsien mill-arrest, izda, <u>filwaqt li kkunsidrat tali talba</u>, kienet tal-fehma li ghandha tichadha ghar-ragunijiet hawn aktar 'l fuq imsemmija. Konsegwentement anke dan it-tielet aggravju qed jigi respint u t-tqanqil tal-kwistjoni kostituzzjonali b'referenza ghall-Artikolu 5(4) tal-Konvenzjoni qed tigi dikjarata bhala semplicement frivola fit-termini ta' l-Artikolu 4(3) tal-Kap. 319.

**10.** Nigu mela issa ghall-ewwel aggravju. Huwa minnu li f'dan il-kaz fl-atti hemm biss kopja *facsimile* (cioe` trasmessa permezz ta' *fax machine*) tal-mandat ta' arrest mahrug mit-Tribunal ta' Modica, u anke l-firem li jidhru fuqu, cioe` l-firma tal-*giudice per le indagini preliminari*, Dott. Michele Palazzolo, u tal-kancillier, Dott.ssa Lina Polino (it-timbru u l-firma ta' din jidhru fuq kull faccata) huma wkoll riproduzzjonijiet jew kopji *facsimile*. Pero` f'dan il-kaz la d-disposizzjonijiet tal-Kap. 12 dwar l-awtentikazzjoni ta' dokumenti (rezi applikabbli ghall-proceduri penali permezz tal-Artikolu 520(1)(e) tal-Kap. 9) u lanqas id-disposizzjonijiet tal-Artikolu 22 tal-Kap. 276 ma japplikaw. Skond l-Artikolu 7(2) tal-Kap. 276, il-Ministru responsabbli mill-Gustizzja jista' jaddatta l-Kap. 276 ghall-arrangament imsemmi fis-subartikolu (1) tal-imsemmi Artikolu 7 – fis-sens li "l-Att ikollu effett dwar it-treggigh lura ta' persuni ghal jew minn...xi pajjiz barrani specifikat, <u>skond dawk il-kondizzjonijiet, eccezzjonijiet, addattamenti jew modifiki kif jista' jigi specifikat fl-ordni</u>"

(sottolinear ta' din il-Qorti)[2]. Issa, l-"arrangament" in kwistjoni f'dan il-kaz hija d-Decizjoni Kwadru tal-Kunsill 2002/584/JHA tat-13 ta' Gunju 2003, li l-Artikolu 10 taghha tipprovdi hekk:

**"4. The issuing judicial authority may forward the EAW by any secure means capable of producing written records under conditions allowing the executing MS to establish its authenticity.**

**"5. All difficulties concerning the transmission or the authenticity of any document needed for the execution of the EAW shall be dealt with by direct contacts between the judicial authorities involved, or, where appropriate, with the involvement of the central authorities of the MSs."**

Kjarament din id-decizjoni kwardu riedet tirriduci il-formalita` ghall-minimu possibbli – l-importanti hu li l-awtenticita` tad-dokument tkun tista' b'xi mod tigi konfermata, anke jekk biss bl-involviment ta' l-awtorita` centrali, li fil-kaz ta' Malta huwa l-Avukat Generali. Hu huwa propju dan li jipprovdu l-Artikoli 5(9) u 7 ta' l-Ordni, li bejniethom jaghmlu "addattamenti jew modifiki" ghal dak li jipprovdi l-Kap. 276. Kif inhu risaput, fl-interpretazzjoni tal-ligi domestika – u l-Ordni hu ligi domestika – il-qrati huma obbligati li jiehdu in konsiderazzjoni il-kliem u l-iskop ta' Decizjonijiet Kwardru proprju biex jintlahaq l-iskop ta' tali decizjonijiet, basta li dan isir dejjem fir-rispett shih tad-drittijiet fondamentali ta' min ikun qed jigi processat – ara s-sentenza tal-Qorti Ewropea tal-Gustizzja fil-kaz **Pupino** (C 105/03, 16 ta' Gunju 2003)[3]. Is-subartikolu (9) tal-Artikolu 5 jipprovdi effettivament li l-mandat jista' jigi trasmess anke permezz ta' *fax machine*, u dan peress li tali magna tammonta ghal "mezz sikur" ghall-finijiet ta' l-imsemmi subartikolu; aktar importanti, pero`, huwa l-Artikolu 7 – meta l-Avukat Generali johrog certifkat,

---

[2] Ara a propositu wkoll is-sentenza tal-Qorti Kostituzzjonali tal-15 ta' Mejju 2006 aktar 'l fuq imsemmija.

[3] Ara wkoll a propositu d-decizjoni tal-*House of Lords* tat-28 ta' Frar 2007 fl-ismijiet **Dabas v. High Court of Justice, Madrid**.

bhalma hareg f'dan il-kaz[4], li l-awtorita` li harget il-mandat ghandha l-funzjoni li tohrog mandati ta' arrest fil-pajjiz rikjedenti, huwa jkun qieghed ukoll jawtentika dak il-mandat ghax huwa inkoncepibbli li jinhareg certifikat ghall-iskop purament akkademiku li jghid li awtorita` barranija ghandha l-funzjoni li tohrog mandati ta' arrest. In fatti c-certifikat fil-kaz *de quo* jaghmilha cara li l-Avukat Generali ma hux qed jirreferi ghall-generalita` tal-mandati li jistghu talvolta jinhargu mit-Tribunal ta' Modica, izda ghall-mandat – specifiku – li nhareg taht it-Taqsima II kontra Ebeid Osama li tieghu jinghataw anke l-konnotati f'dak ic-certifikat. Differenti, pero`, hija l-posizzjoni ghar-rigward ta' dokumenti ohra, cioe` dokumenti li ma humiex mandat mahrug taht it-Taqsima II. Dawn id-dokuemtni l-ohra jridu jkunu awtentikati "kif imiss" (Artikolu 73A ta' l-Ordni), u cioe` skond ma jipprovdu l-paragrafi (a) u (b) tas-subartikolu (3) tal-Artikolu 73A. Ghalhekk fil-kaz in dizamina l-Qorti Rimandanti korrettement imxiet fuq id-dokument a fol. 13 sa 22 tal-atti, dokument li, frankament, anke li kieku ma kienx hemm ic-certifikat ta' l-Avukat Generali din il-Qorti hi sodisfatta mill-firem u t-timbri li hemm fuqu u minkejja li hu *facsimile*, li hu awtentiku ghall-finijiet tal-Artikolu 5(9).

**11.** Ghall-motivi premessi, prevja d-dikjarazzjoni li t-tqanqil tal-kwistjonijiet kostituzzjonali huma semplicement frivoli fit-termini tal-Artikoli 46(3) u 4(3) tal-Kostituzzjoni u tal-Kap. 319 rispettivament, tichad l-appell u tikkonferma s-sentenza appellata.

**< Sentenza Finali >**

[4] Ara fol. 5 ta' l-atti.

---------------------------------TMIEM---------------------------------